# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 1 (Kost.)**

**Rik. Nru. 389/92JRM**

(1) Vincent **CURMI** u l-Avukat Noel Arrigo bħala ko-amministraturi tal-assi tal-mejjet Markiż John Scicluna, u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Marie Christianne Ramsey mart Umberto Pergola bħala użufruttwarja u f'isem bintha Justine Pergola bħala werrieta universali minħabba l-mewt tal-Markiż Joseph Scicluna fil-mori tal-kawża; (2) Professur Dr. Joseph Maximilian Ganado bħala *aventi causa* tal-mejta Marie Josephine Bugeja; (3) Magda Camilleri f'isimha propju u bħala prokuratriċi f'isem Monica Gilbert mart il-Maġġur John Gilbert, Marie Therese De Bono armla tal-mejjet Maġġur Anthony De Bono u Anthony Achilles Camilleri, kif ukoll l-imsemmi John Gilbert għal kull interess li jista' jkollu, ilkoll imsiefra minn dawn il-gżejjer; Christine Bugeja mart Victor u l-istess Victor Buġeja bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Sarah mart Timothy Winter, Martin u Leanne, aħwa Buġeja, minħabba l-mewt ta' ommhom ir-rikorrenti Christine Buġeja fil-mori tal-kawża; John Camilleri u b'digriet tal-20 ta' Diċembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Maria Carmela *sive* Lina armla ta' John Camilleri, wara l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża; u Raphael Camilleri, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Cecil Camilleri; (4) Avukat Giannino Caruana Demajo bħala *aventi causa* tal-mejjet

Avukat Tommaso Caruana Demajo; (5) May armla tal-Professur Victor Caruana Galizia; il-Kurunell Eric Parnis f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju f'isem Anne Parnis mart Roger u l-istess Roger Parnis bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Helen Tomkins mart Richard u l-istess Richard Tomkins bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; il-Maġġur Peter Manduca; l-Avukat Philip Manduca, Julian Manduca, Sarah Paris mart Kenneth u l-istess Kenneth Paris bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u Victor Manduca, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Professur Victor Caruana Galizia, u b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2008, l-atti għaddew fil-persuna ta' Anna armla minn Dottor Roger Parnis, Helen mart Richard Tomkins, Irene Christ armla minn Julian Manduca, l-Avukat Dottor Philip, Sarah mart Kenneth Paris u Victor, aħwa Manduca, u dan wara l-mewt tar-rikorrenti May Caruana Galizia, Maġġur Peter Manduca u Dottor Roger Parnis fil-mori tal-kawża; (6) Alice armla ta' Joseph Cassar Torreggiani bħala *aventi causa* tal-mejjet Joseph Cassar Torreggiani, u b'degriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Joan, Julia mart Roland Comfort u Edward, aħwa Cassar Torreggiani, minħabba l-mewt ta' Alice Cassar Torreggiani fil-mori tal-kawża, u b'digriet tal-15 ta' Ġunju, 2009, l-atti għaddew f'isem Roger, Edward Roger Winston Joseph, Jacqueline Gylda Maria Cassar Torreggiani Walsh u Stephanie Julia Alice Aida Mkali, aħwa Comfort, minħabba l-mewt ta' Julia u Roland Comfort fil-mori tal-kawża; (7) Maria mart Joseph Paris u l-istess Joseph Paris bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tad-29 t'Awwissu, 2008, Maria Paris assumiet l-atti tal-kawża bħala amministratriċi tal-beni vestita f'idejha wara l-mewt ta' żewġha Joseph Paris fil-mori tal-kawża; Joan Galea Naudi, Robert Galea, Francis Galea u Joseph Galea Naudi bħala *aventi causa* tal-mejtin Joseph Patrick Galea u Frances Żammit; u Robert Galea bħala kuratur tal-eredi tal-mejjet Dr. Louis Galea; (8) Dominic Cutajar bħala amministratur ta' ***Capt. O.F. Gollcher Art and Archeology Foundation***, u din il-fondazzjoni bħala *aventi causa* tal-mejjet Olof Frederick Gollcher; (9) Victor Licari f'ismu proprju u bħala prokuratur f'isem Suor Elena Bernardina *sive* Helendina Licari of St. Joseph of the Apparition, u ta' Maria Dolores *sive* Doris mart Vassilios Dionyssopoulos; u Michael Licari, u b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Iris Licari kif ukoll uliedha Joseph, Michael-John, Anita mart Edward Aquilina, Johanna mart Mark Vella, u Charlotte mart Ivan Riolo, aħwa Licari, minħabba l-mewt ta' Michael Licari fil-mori tal-kawża; Marie Lourdes Licari, Joseph Bernard Licari, Bernard Licari, Esther mart Eric Vella Bonniċi u l-istess Eric Vella Bonniċi bħala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Paul Licari, Ruth Aquilina, u Edward Licari, lkoll *aventi causa* tal-mejtin Joseph u Josephine Licari; (10) Louis Victor Radmilli, Denise mart Frank Ferrante, u l-istess Frank Ferrante bħala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tat-23 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Frank Ferrante u f'isem uliedu Bernard,

Simone Gatt, Lorraine Formosa, Philip u Martine Ellul, aħwa Ferrante, minħabba l-mewt ta' Denise Ferrante fil-mori tal-kawża; Iris armla ta' George Sciortino, u Elda mart Albert Mizzi u l-istess Albert Mizzi bħala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, ilkoll *aventi causa* tal-mejtin Maġġur Victor Radmilli u martu Emmanuela Radmilli, u b'digriet tat-22 taż Mejju, 2018, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Paulu Rachel aħwa Radmilli, David Radmilli, Victor Radmilli, Suzanne mart Michael Paċe wara l-mewt ta' Emanuela Radmilli; (11) Peter Cassar Torregiani f'isem Mary mart Bernard Sammut Alessi u l-istess Bernard Sammut Alessi bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, f'isem Francesca Ferro mart Michael u l-istess Michael Ferro bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u f'isem Christopher Dickson u Anthony Dickson *aventi causa* tal-mejta ommhom Victoria Dickson, lkoll imsifrin minn dawn il-gżejjer; u Christopher Cassar Torregiani, Mark Cassar Torregiani u b'digriet tal-4 ta' Jannar, 2024, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Julian, Jeremy u Dottor Conrad, aħwa Cassar Torregiani, wara l-mewt ta' missierhom Mark Torregiani fil-mori tal-kawża; Rose Cassar Torregiani; Margaret Parnis England mart John u l-istess John Parnis England bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Logotenent Kurunell Frank Cassar Torreggiani, u b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2008, l-atti għaddew f'isem l-imsemmija Margaret Parnis England u f'isem uliedha Stephen, Robin, Nicholas u Johanna mart Stephen Borġ Manduca, aħwa Parnis England, wara l-mewt ta' John Parnis England fil-mori tal-kawża; (12) Anthony Żammit Cutajar u Paul Żammit Cutajar bħala diretturi u f'isem ***P. Cutajar & Company Limited***; (13) Mary Rose armla tal-Maġġur Alfred Żammit Cutajar, Joanna mart Joseph Vassallo u l-istess Joseph Vassallo bħala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u Anthony Żammit Cutajar, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Maġġur Alfred Żammit Cutajar; (14) Evelyn mart Ivan Burridge għall-interess tagħha proprju u bħala *aventi causa* mill-mejta ommha Catherine Pace Asciak, u l-istess Ivan Burridge bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tal-24 ta' Frar, 2011, l-atti għaddew f'isem Dottor Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof Paul Cremona, amministratur tal-beni ekkleżjastiċi djoċesani kollha f'Malta f'isem u fl-interess tad-Dar tal-Provvidenza u f'isem Monsinjur Ġorġ Beżżina bħala Ekonomu ta' Monsinjur Isqof Mario Grech, amministratur tal-beni ekkleżjastiċi ta' Għawdex, u f'isem u fl-interess ta' St Joseph Home, Għawdex, wara l-mewt ta' Evelyn u Ivan miżżewġin Burridge fil-mori tal-kawża; (15) Albert Mizzi bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' ***Alf. Mizzi and Sons Limited***, u b'Nota tal-24 ta' Awwissu, 2016, l-Avukat Alec Mizzi assuma l-atti tal-kawża f'isem Alf. Mizzi and Sons Limited; (16) Helma mart Kurunell William Attard u l-istess Kurunell William Attard bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2011, l-atti għaddew f'isem Helma Attard wara

l-mewt ta' żewġha William Attard fil-mori tal-kawża u b'digriet tal-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja tas-27 ta' Frar, 2015, George Olaf Attard inħatar bħala kuratur ta' ommu Helma Attard; (17) Marie Louise mart Cecil James Baker, u l-istess Cecil James Baker bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tat-23 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Marie Louise Baker minħabba l-mewt ta' Cecil James Baker fil-mori tal-kawża; (18) Juanita mart Alvino Micallef Grimaud u l-istess Alvino Micallef Grimaud bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; (19) Johanna mart Stefan Borġ Manduca u l-istess Stefan Borġ Manduca bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; (20) Kaptan Arthur Lawrence Podestà f'ismu proprju u bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni parafernali ta' martu Laura, u b'digriet tad-29 t'Awwissu, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Laura Podestà u wliedhom Patricia mart William Cassar Torreggiani u Arthur, aħwa Podestà , minħabba l-mewt ta' Arthur Lawrence Podestà fil-mori tal-kawża; u l-istess Laura Podestà; (21) Maryse mart Kenneth Valenzia u l-istess Kenneth Valenzia, bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll l-istess Maryse Valenzia bħala prokuratriċi ta' ħuha George Michael Salomone li huwa msiefer minn dawn il-gżejjer; (22) Professur Avukat Ian Refalo, bħala kuratur f'isem il-Markiż Joseph Scicluna, u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Marie Christianne Ramsey mart Umberto Pergola u bintha Justine Pergola minħabba l-mewt tal-Markiż Joseph Scicluna fil-mori tal-kawża; (23) Kavallier Francis Saviour Żammit Cutajar, u b'degriet tal-5 ta' Marzu, 2010, l-atti għaddew f'isem uliedu Joan Scicluna, Paul, Dennis u Philippa, aħwa Żammit Cutajar, minħabba l-mewt ta' Francis Xavier Żammit Cutajar fil-mori tal-kawża; (24) Professur Joseph Victor Żammit Maempel, u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Evelyn Żammit Maempel nee' Camilleri, kif ukoll f'isem uliedu Amelia Craig, Avukat Joseph, il-Kirurgu Frederick, Carmen Cassar u Maria Louisa *sive* Marisa Gatt, aħwa Żammit Maempel, minħabba l-mewt tal-Professur Joseph Victor Żammit Maempel fil-mori tal-kawża; (25) Antonia armla ta' Joseph Meli Buġeja, u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Martina mart Adrian Salamone, Justine mart Andrew Strickland, u Michael, aħwa Meli Buġeja, lkoll ulied il-mejjet Maurice Meli Buġeja u Anne nee' Bonniċi Mallia, u favur Simon, Sean, Sandra, Sarah mart Mark Psaila, Silvana mart Matthew Sultana, u Stephen *sive* Steve, aħwa Sant Fournier, ilkoll ulied il-mejjet Konti Alfred Sant Fournier minħabba l-mewt ta' Antonia Meli Buġeja fil-mori tal-kawża; (26) Edwin Gerald Bonello, u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Suzanne mart Paul Vassallo, Jacqueline mart Philip Meli, Avukat Rachel u PL Gerald, aħwa Bonello, minħabba l-mewt tal-Avukat Edwin Gerald Bonello fil-mori tal-kawża; (27) Derek Fenech; (28) Denyse Fenech u b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2015, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Magdalene armla

minn Anthony Desmond Fenech, bħala prokuratriċi tal-assenti wliedha Dierdre Carr u Keith A. Fenech, u favur Derek Fenech, wara l-mewt ta' Denyse Fenech fil-mori tal-kawża; (29) Kaptan Arthur Żammit Cutajar, u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Michael, Joanna Vassallo u Anthony, aħwa Żammit Cutajar, ulied il-mejjet Alfred u f'isem Joan Scicluna, Paul, Dennis u Philippa, aħwa Żammit Cutajar, ulied il-mejjet Francis Xavier, u f'isem Alaine Apap Bologna, bint George Żammit Cutajar, minħabba l-mewt ta' Arthur Żammit Cutajar fil-mori tal-kawża ; (30) John Parnis England; (31) Stephen Parnis England; (32) Evelyn armla ta' Joseph Soler, u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Reginald *sive* Ray, Edgar u Elizabeth Mallia, aħwa Soler, u f'isem Richard u Mark, aħwa Soler, ulied il-mejjet Anthony, wara l-mewt ta' Evelyn Soler fil-mori tal-kawża; (33) Nutar Joseph Spiteriu b'digriet tal-10 ta' Jannar 2023 l-atti tal-kawża ghaddew f'isem in-Nutar Dr Tonio Spiteri, Nello sive Emanuel Spiteri, Rita Miller, Marisa Miller, u n-Nutar Dr John Spiteri ahwa Spiteri stante l-mewt ta' missierhom Nutar Joseph Spiteri fil-mori tal-kawża

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU TA' MALTA**, l-Ministru tal-Finanzi u Dwana, u Maurice Abela, Denis Degiorgio u Antonio Tagliaferro bħala komponenti, dawn l-aħħar tlieta, tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tan-***National Bank of Malta Limited*** u l-Avukat Dr. Peter Borġ Costanzi u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello, maħtura bħala Kuraturi b'degriet tal-15 ta' Diċembru, 1992, biex jirrappreżentaw lill-Kunsill tal-Amministrazzjoni tan-***National Bank of Malta Limited***

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Settembru, 1992, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti ssib li, (i) bħala azzjonisti fin-National Bank of Malta Limited, ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsin taħt l-artikoli 37 u 42 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u taħt l-artikolu 11 tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 meta l-Kunsill tal-Amministrazzjoni intimat bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-24 ta' Novembru, 1974, għadda lil Bank of Valletta Limited l-ishma tagħhom bla ħlas u mingħajr ma nkiseb il-kunsens tagħhom; (ii) l-Att IX tal-1974 u l-

Avviż Legali 27 tal-1974 ma jiswewx; u (iii) fid-dawl ta' dan kollu, tagħtihom kull rimedju li jidhrilha xieraq jew opportun;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi waqt is-smigħ tas-6 ta' Ottubru, 1992[1], li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu (i) li l-Ministru intimat tħarrek ħażin u għalhekk jeħtieġ li ssir bidla fl-atti tal-kawża dwar kif imissu jissejjaħ; (ii) li trid titressaq il-prova tal-mandat mogħti lil dawk minn fost ir-rikorrenti li qegħdin jidhru għal xiħadd li mhuwiex f'Malta jew li qegħdin jidhru għal xi amministrazzjoni; (iii) li trid issir il-bidla wkoll safejn uħud mir-rikorrenti qegħdin jidhru bħala l-*aventi causa* minn ħaddieħor; (iv) li r-rikorrent John Gilbert ma għandu l-ebda interess ġuridiku fl-azzjoni u għalhekk imisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża fil-konfront tiegħu u bi spejjeż għalih; (v) li ladarba mara miżżewġa għandha hija stess it-tmexxija tal-ġid parafernali tagħha, dawk kollha minn fost ir-rikorrenti rġiel li qegħdin jidhru bħala amministraturi tal-ġid parafernali ta' marthom rikorrenti ma għandhomx *locus standi* f'din il-kawża u l-intimati eċċipjenti jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża fil-konfront tagħhom bi spejjeż għall-istess rikorrenti; (vi) ladarba l-liġi ma għadhiex tagħraf titoli nobiljari, għandha titneħħa minn quddiem isem ir-rikorrent Joseph Scicluna kull tismija tat-titolu ta' markiż; (vii) li l-proċess mhuwiex sħiħ għaliex il-mertu tal-kawża jolqot lill-kumpannija Bank of Valletta Limited, li jmissha għalhekk tissejjaħ fil-kawża; u (viii) billi mir-rikors promotur ma joħroġx sewwa jekk ir-rikorrenti jew min minnhom għandhomx xi ishma fin-National Bank of Malta, l-intimati ma setgħux jirrispondu dwar jekk l-istess rikorrenti jew uħud minnhom għandhomx interess ġuridiku li jkunu fil-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li kemm l-Att XLV tal-1973 u kif ukoll l-Att IX tal-1974 li emendah kienu liġijiet maħsuba li jirregolaw it-tmexxija ta' banek li kienu jħaddmu depożiti tal-pubbliku u li kienu għaddejjin minn żmien imwiegħer ta' insolvenza jew falliment, u għaldaqstant kienu liġijiet ġustifikati taħt l-artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma xekklu jew żammew lil xiħadd mir-rikorrenti milli jingħaqad jew jassoċja ma' ħaddieħor kif irid l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni. Min-naħa l-oħra, l-Avviż Legali 27 tal-1974 kien maħsub biss biex iħassar xi dispożizzjonijiet tal-Att XLV tal-1973 u r-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd jew interess li jitolbu li d-dispożizzjonijiet imħassra jerġgħu jidħlu fis-seħħ. Temmew jgħidu li huwa stramb ħafna li tmintax-il sena wara li r-rikorrenti ttrasferew l-ishma tagħhom huma jidhru li b'din il-kawża qegħdin jippruvaw iħassru t-trasferiment li sar b'att nutarili favur il-Bank of Valletta Limited, u għalhekk l-eċċipjenti jistiednu lil din il-Qorti li tinqeda bid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni biex tagħżel li ma tismax il-kawża;

[1] L-istess Tweġiba (b'xi żieda żgħira) reġgħet tressqet formalment fir-Reġistru dak inhar ukoll (ara paġġ. 16 – 9 tal-proċess)

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Diċembru, 1992[2], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħhom tal-11 ta' Novembru, 1992, ħatret lill-Avukat Peter Borġ Costanzi u l-Prokuratriċi Legali Lucy Bonello bħala Kuraturi Deputati biex jidhru fil-kawża għall-intimat Maurice Abela li dak iż-żmien kien imbiegħed minn Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-14 ta' Jannar, 1993, mill-Kuraturi Deputati maħtura li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalu li ma kienu jafu xejn dwar il-każ, iżda ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti u tal-partijiet li d-degriet li bih huma nħatru jgħid li kienu qegħdin jidhru għall-Kunsill ta' Amministrazzjoni intimat u mhux biss għall-intimat Maurice Abela;

Rat is-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar, 2014[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra: (i) laqgħet eċċezzjoni preliminari tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju fir-rigward tar-rikorrent John Gilbert, (ii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn tal-intimati, (iii) laqgħet l-ewwel talba attriċi safejn ir-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, imma (iv) ċaħditha safejn ilmentaw minn ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni; (v) ordnat li l-intimati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża solidalment bejniethom; u (vi) ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni dwar it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti;

Rat is-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat l-imsemmija sentenza u reġgħet bagħtet l-atti tal-kawża quddiem din il-Qorti "sabiex tkompli bis-smiegħ tal-kawża fuq il-kumplament tat-talbiet";

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet ix-xhieda mressqa minnhom[4];

Rat il-provvediment tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2018[5], li bih ħatret periti ġudizzjarji biex (i) il-periti hekk maħtura jfittxu u jirrelataw f'rapport wieħed imressaq minnhom ilkoll biex jindirizzaw it-talba tar-rimedju xieraq li għandu jingħata lill-atturi dwar it-talbiet imressqin minnhom u li dwarhom sal-lum għadha ma ngħatat l-ebda sentenza; (ii) il-periti, fl-aċċertamenti meħtieġa għal din il-ħatra, jistgħu jżommu seduti kemm jidhrilhom meħtieġa biex jisimgħu lill-partijiet, iżda ma għandhom iħallu jitressqu l-ebda provi ġodda jekk mhux għal raġunijiet serji u wara li jiksbu l-awtorizżazzjoni mill-Qorti; (iii) jieħdu qies tal-parametri suġġeriti mill-partijiet fir-rispettivi Noti tagħhom imsemmija u li jagħmlu l-osservazzjonijiet xierqa dwar kull waħda minnhom,

---

2 Paġ. 30 tal-proċess
3 Paġġ. 1384 sa 1420 tal-proċess
4 Jinsabu fl-atti tar-Rik. Nru. 390/92JRM f'paġġ. 2753 sa 3827
5 F'paġġ. 3898 – 3900 tal-atti tar-Rik. Nru. 390/92JRM

jekk iqisu li hekk ikun xieraq; u (iv) jirrikmandaw lill-Qorti liema rimedju xieraq jew rimedji xierqa għandha tikkunsidra li tagħti lill-atturi, fosthom l-għamla u l-ammont, jekk ikun il-każ, ta' tali rimedju jew rimedji u ż-żmien li jmissu jitqies bħala dak li matulu l-atturi għandhom ikunu kunsidrati li ġarrbu l-ksur tal-imsemmi jedd;

Rat il-provvedimenti li fihom, u fuq talba tagħhom, il-Qorti bidlet periti ġudizzjarji maħtura b'oħrajn;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Periti Ġudizzjarji Mħallef irtirat Geoffrey Valenzia, Paulanne Mamo u Wilfred Mallia fl-24 ta' Novembru, 2022[6] u minnhom maħluf kif imiss;

Rat in-Nota mressqa mill-intimati waqt is-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2023[7], li biha talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2023, li bih tat lill-partijiet il-fakultà li jressqu lill-periti ġudizzjarji b'xhud tagħhom f'eskussjoni;

Rat in-Noti mressqin mill-partijiet fit-30 ta' Marzu, 2023[8], u fit-3 ta' April, 2023[9];

Rat in-Noti bit-tweġibiet tal-periti ġudizzjarji eskussi[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fl-14 ta' Awwissu, 2023[11] (dwar ir-rapport tal-periti ġudizzjarji) u dik tat-23 ta' Awwissu, 2023[12], b'sottomissjonijiet ġenerali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fil-25 ta' Settembru, 2023[13], bi tweġiba għal dawk tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri estensiva tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, u kif ukoll tal-kawża l-oħra li kienet miexja ma' din[14];

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza;

---

[6] Paġġ. 1754 sa 1824 tal-proċess
[7] Paġ. 1848 tal-proċess
[8] Paġġ. 1851 sa 1871 tal-proċess
[9] Paġġ. 1872 sa 1905 tal-proċess
[10] Paġġ. 1913 – 6, 1922 – 3, 1928 – 1931 tal-proċess u f'paġġ. 4270 – 5 tal-atti tar-Rik. 390/92JRM
[11] Paġġ. 1934 sa 1947 tal-proċess
[12] Paġġ. 1949 sa 1964 tal-proċess
[13] Paġġ. 1969 sa 2001 tal-proċess
[14] Rik. Nru. 390/92JRM (li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll)

***Ikkunsidrat:***

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tqis it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, wara li l-mertu tal-ewwel talba jinsab deċiż u jikkostitwixxi ġudikat bejn il-partijiet;

Illi bħalma ġara sa ma ngħatat l-ewwel sentenza *in parte*, il-partijiet baqgħu juru nuqqas ta' qbil fundamentali mhux biss fuq l-aspett legali marbut mal-ilment imressaq mir-rikorrenti, imma wkoll u x'aktarx aktar, mill-aspett tal-fatti u t-tifsir tagħhom. Il-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex, ukoll wara li ngħatat is-sentenza ewlenija u li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, reġgħu tqajmu xi argumenti u tressqu sottomissjonijiet li setgħu jiftħu beraħ kwistjonijiet li ngħalqu bl-imsemmija sentenzi. Il-Qorti, fil-qies li trid tieħu tat-talbiet li fadal x'tiddeċiedi u s-siwi tal-eċċezzjonijiet imqajmin dwarhom, se żżomm quddiem għajnejha li llum hija wkoll marbuta ma' dak li diġà jinsab deċiż;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti marbuta mal-każ</u> jibda biex jingħad li din l-azzjoni tressqet flimkien ma' u dakinhar li tressqet kawża oħra Kostituzzjonali minn rikorrenti oħrajn dwar ksur tal-istess żewġ jeddijiet fundamentali[15]. Iż-żewġ kawżi kienu qegħdin jinstemgħu flimkien. Minbarra dan, żmien qabel kienet infetħet ukoll kawża oħra quddiem il-qrati ordinarji[16] biex tattakka s-siwi tat-trasferiment tal-ishma minn uħud mill-azzjonisti ta' dak li kien jissejjaħ in-National Bank of Malta (NBM) lill-Gvern. Dik il-kawża wkoll, wara xi żmien, bdiet tinstema' flimkien ma' din tal-lum. Għalhekk il-Qorti tirreferi għall-fatti msemmijin f'dawk iż-żewġ kawżi biex ma terġax tirrepetihom bla bżonn;

Illi r-rikorrenti f'din il-kawża huma dawk minn fost l-azzjonisti ta' NBM li kienu għażlu li ma jiffirmawx il-kitba li biha ntalbu jittrasferixxu l-ishma tagħhom favur il-Gvern mingħajr ħlas;

Illi, b'żieda ma' dawk il-fatti, għandu jingħad li waqt il-ħin tal-Aġġornament tas-seduta tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-5 ta' Diċembru, 1973[17], il-Prim Ministru kien ta stqarrija lill-Kamra dwar il-qagħda tan-NBM u l-ħsieb li kellu l-Gvern dak inhar dwar is-suġġeriment li qal li sarlu minn rappreżentanti tal-istess Bank biex jieħu t-tmexxija tan-NBM f'idejh;

---

[15] Rik. Nru. 390/92JRM
[16] Ċitazz. Nru. 282/77JRM li s-sentenza tagħha wkoll ingħatat fid-9.1.2014 u minnha ma tressaq l-ebda appell
[17] Ara traskrizzjoni tal-istqarrija f'paġġ. 304 sa 314 tal-proċess

Illi ġimgħa wara, fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 1973[18], kien għadda mill-Kamra tad-Deputati fl-istadji kollha u bi qbil tal-membri kollha tal-istess Kamra l-Att XLV tal-1973 maħsub "*biex jipprovdi temporanjament sabiex l-amministrazzjoni tan-National Bank of Malta Limited u ta' Tagliaferro Bank Limited it-tmexxija u l-kontinwazzjoni tax-xogħol tagħhom jew ta' xi parti jew partijiet minnu tingħata f'idejn Kunsill ta' Amministrazzjoni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu jew li huma inċidentali għall-għan imsemmi*". Dak l-Att kien ingħata l-Kunsens tal-Gvernatur-Ġenerali dak inhar stess;

Illi fit-30 ta' Jannar, 1974[19], il-Kamra tad-Deputati għaddiet l-Att IX li jemenda l-Att XLV. Dak l-Att irċieva l-kunsens tal-Gvernatur-Ġenerali fl-1 ta' Frar, 1974. Bis-saħħa tal-imsemmija emendi, tbiddel l-artikolu 3 (dwar kemm kellu jdum fis-seħħ l-Att XLV) u s-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 (dwar kif setgħu jkunu delegati u jitħaddmu s-setgħat tal-Kunsill). Minbarra l-imsemmija bidliet, żdiedu żewġ artikoli ġodda. Wieħed (l-artikolu 11) kien jitkellem dwar it-trasferiment tax-xogħol tal-Bank, u l-ieħor (l-artikolu 12) kien jipprovdi dwar l-effetti tat-trasferiment tax-xogħol tal-Bank;

Illi bis-saħħa tal-Avviż Legali 27 tal-1974, maħruġ fit-22 ta' Marzu, 1974 (taħt is-setgħa mogħtija fl-artikolu 3 tal-Att XLV biex isiru regolamenti taħt l-istess Att), ingħata Ordni li "*d-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 biex Jipprovdi Temporanjament dwar in-National Bank of Malta u l-Bank ta' Tagliaferro li jagħtu jew jimponu funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet lill-Kunsill ta' Amministrazzjoni mwaqqaf bl-imsemmi Att għandhom, safejn dawk il-funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet jirreferu għax-xogħol u għall-attiv u l-passiv tan-National Bank of Malta Limited u ta' Tagliaferro Bank Limited u mingħajr ħsara għal kull ħaġa li qabel tkun saret jew li naqset milli ssir bis-saħħa tagħhom, jieqfu mis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 1974*";

Illi dak inhar ukoll tat-22 ta' Marzu, 1974, sar ftehim li bih l-assi u d-djun tan-NBM għaddew minn fuq ismu fuq BOV. It-trasferiment seħħ bis-saħħa ta' att nutarili tat-22 ta' Marzu, 1974, fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin u kellu jidħol fis-seħħ jumejn wara;

Illi fit-30 ta' Settembru, 1992, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> tal-każ, il-Qorti fadlilha tqis it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti. Fl-ewwel waħda, iridu li l-Qorti ssib li l-Att IX tal-1974 u l-Avviż Legali 27 tal-1974 ma

[18] Ara t-traskrizzjoni tad-dibattitu u tal-eżami tal-Parlament f'paġġ. 331 sa 343 u 366 sa 403 tal-proċess
[19] Ara t-traskrizzjoni tad-dibattitu u tal-eżami tal-abbozz mill-Kumitat tal-Kamra f'paġġ. 447 sa tal-proċess

jiswewx. Fit-tieni waħda, ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tagħti "in vista ta' dan" kull rimedju li hija jidhrilha opportun;

Illi l-Qorti tirrileva li r-rikorrenti ressqu sottomissjoni dwar it-**tieni talba** tagħhom f'Nota ta' Sottomissjonijiet qabel ma l-periti ġudizzjarji ressqu r-rapport tagħhom[20], u biha jgħidu li ladarba l-Att IX u l-Avviż Legali saru bi ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, isegwi li tali strumenti legali ma jiswewx;

Illi f'dan ir-rigward, l-intimati jissottomettu li l-Atti li għaddew mill-Parlament Malti f'dawk ix-xhur kienu daħħlu dispożizzjonijiet ta' liġi fis-seħħ bħalma kienu jeżistu f'pajjiżi oħrajn u li, fl-Att tal-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta u fl-Att tal-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju ma kinux għadhom jipprovdu f'ċirkostanzi bħal dawk li nqalgħu fil-każ tan-NBM, u li għalhekk "ikkolma lacuni li kienu jeżistu fil-leġislazzjoni bankarja"[21];

Illi l-Qorti tqis li l-għan tar-rikorrenti meta tressqet din it-talba (tnejn u tletin sena ilu) kien biex, bit-tħassir tal-att IX u tal-Avviż Legali 27, il-liġi terġa' titqiegħed kif kienet mal-promulgazzjoni tal-Att XLV tal-1973 li kien għadda mill-Parlament sewwasew biex ineħħi t-tmexxija tan-NBM u ta' Tagliaferro Bank u jgħaddiha (għal żmien) lil Kunsill ta' Amministrazzjoni mwaqqaf bl-istess Att. It-tieni talba mkien ma ssemmi l-Att XLV tal-1973. Fi kliem ieħor, li kieku t-tieni talba attriċi kellha tinstab mistħoqqa, it-tħassir kemm tal-Att IX u kif ukoll tal-Avviż Legali ma kienx ireġġa' lura t-tmexxija taż-żewġ banek f'idejn l-azzjonisti, imma jħallihom f'idejn il-Kunsill ta' Amministrazzjoni għal żmien li jagħlaq. Għalkemm ir-rikorrenti ressqu sottomissjonijiet ukoll dwar is-siwi tal-Att XLV tal-1973, ma tistax tqishom għall-għanijiet tat-tieni talba għaliex tkun qiegħda tiddeċiedi dwar ħwejjeġ li ma ntalbux;

Illi l-Qorti jidhrilha li, kemm għal raġunijiet ta' dritt u kif ukoll għal raġunijiet ta' fatt, it-talba ma jistħoqqilhiex tintlaqa'. Għal raġunijiet ta' fatt għaliex ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova li turi kif, bit-tħassir tal-Att IX jew tal-Avviż Legali, il-preġudizzju li setgħu ġarrbu bl-Att XLV tal-1973 kien se jitneħħa. Id-dispożizzjonijiet ta' dawk iż-żewġ strumenti leġislativi kienu se jirrendu dejjiem dak li kien diġà pprovda għalih l-Att tal-1973. Bit-tħassir tal-Att IX u tal-Avviż Legali kif mitlub mir-rikorrenti, l-Att XLV tal-1973 kif oriġinarjament promulgat ma kienx se jintlaqat, u t-tmexxija tal-Bank kienet tibqa' regolata minn dak l-Att. Fit-tieni lok, wara li għadda daqstant żmien minn mindu nfetħet din il-kawża, ir-rikorrenti qatt ma ressqu prova jew sottomissjoni li huma (bħala l-persuni li baqgħu ma ċedewx l-ishma li kellhom fin-NBM)

[20] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-26.2.2021, f'paġġ. 1640 – 8 u 1675 – 81 tal-proċess
[21] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-15.6.2021, f'paġġ. 3973 tal-atti tar-Rik. Nru. 390/92JRM

kienu qegħdin jitolbu li jieħdu lura t-tmexxija tan-NBM. Kien ikun siewi għall-Qorti li kieku r-rikorrenti ressqu provi biex juru x'inhi l-qagħda attwali tal-kumpannija li l-ishma tagħhom baqgħu f'idejhom, imqar biex wieħed ikun f'qagħda li jikkalibra provvedimenti siewja f'każ li t-tieni talba tagħhom kellha tintlaqa'. Min-naħa l-oħra, is-sottomissjonijiet tagħhom huma fis-sens li jixraq li jingħatawlhom lura l-assi li kellu n-NBM bit-tħaddim tal-prinċipju tar-*restitutio in integrum*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kunsiderazzjonijiet ta' din l-għamla jaqgħu fil-qafas tat-tielet talba tar-rikorrenti u l-Qorti sejra tqishom hemmhekk, għaliex dak ir-rimedju, jekk jirriżulta mistħoqq, jista' jingħata minkejja dak li kien jiddisponi l-Att IX tal-1974 u l-Avviż Legali. Fit-tielet lok, u mill-aspett legali, jidher minn dak li jissottomettu r-rikorrenti nfushom, li wkoll kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-tieni talba u ssib li ż-żewġ liġijiet imsemmijin fiha għandhom jitqiesu bla ebda effett, il-qagħda mhix se titreġġa' lura għal dak li jirrigwarda l-assi li kellu NBM qabel ma għadda l-Att XLV tal-1973: dan għaliex dawk l-assi u dak il-ġid kien trasferit b'att legali ieħor[22] li bis-saħħa tiegħu l-Bank beda jitmexxa minn entità statutorja oħra (Bank of Valletta). Fir-raba' lok, ma tressqet l-ebda prova li turi li l-Att IX tal-1974 u l-Avviż Legali 27 tal-istess sena saru bi ksur tal-proċess maħsub fil-Kostituzzjoni jew b'nuqqas ta' tħaris min-naħa tal-Parlament jew tal-Ministru konċernat ta' xi regola preskritta dwar is-siwi ta' strument bis-saħħa ta' liġi. Għall-kuntrarju, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fuq l-appell imressaq mis-sentenza *in parte* mogħtija minn din il-Qorti, ingħad b'mod ċar li l-intervent leġislattiv kien wieħed siewi u meħtieġ fiċ-ċirkostanzi li fih sar;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li t-tieni talba tar-rikorrenti hija mistħoqqa kif imressqa u mhux se' tilqagħha;

Illi kif ingħad qabel, il-qofol tal-kwistjoni hija t-**tielet talba** tar-rikorrenti għaliex għalkemm hija sempliċi fis-sura tagħha li titlob "kull rimedju li … jidhrilha meħtieġ u opportun", kienet għajn ta' kontroversja qawwija u missielta bejn iż-żewġ partijiet. Kien wara li ngħatat id-deċiżjoni dwar l-ewwel talba attriċi li l-partijiet bdew jagħtu ħjiel tar-rimedji li kienu jistennew u dawn il-pożizzjonijiet kienu tant 'il bogħod minn xulxin li ttieħed ħafna żmien biex il-partijiet saħansitra jaqblu fuq il-parametri li dwarhom din il-Qorti kellha tqis l-aspett tar-rimedju mitlub. Kien għalhekk ukoll li din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tikseb il-fehmiet ta' esperti mħarrġa fil-materja biex tkun tista' tevalwa aħjar u safejn rilevanti għall-mertu ta' din it-tielet talba, x'għażliet kellha quddiemha biex tasal għal rimedju xieraq. Iżda jisgħobbiha li, mqar fuq il-ħatra tal-persuni li kellhom jgħinu lill-Qorti f'dan l-eżerċizzju, il-partijiet qattgħu żmien konsiderevoli jikkontestaw għadd ta' persuni proposti min-naħa u minn oħra, sa

---

[22] A.L. 28 tal-1974

ma qablu fuq uħud li, wara li temmew il-ħatra tagħhom, ikkritikaw ukoll bl-aħrax l-operat u l-fehmiet tagħhom;

Illi l-Qorti se tqis din it-talba fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet u tal-fehmiet li hija wriet fis-sentenza *in parte* u li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali. Minħabba f'hekk, fejn xi argumenti mressqa minn xi waħda mill-partijiet ma toqgħodx ma' dak li jinsab diġà deċiż u jifforma ġudikat, mhix se timxi miegħu. Fost dawk il-kunsiderazzjonijiet, wieħed isib li kemm din il-Qorti u kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali sabu li l-miżuri meħuda mill-Gvern fil-jiem imqanqla ta' Novembru u Diċembru tal-1973 kienu maħsuba biex isalvaw qagħda li setgħet ġabet effetti koroh ħafna fuq id-depożitanti ta' NBM u xejn anqas fuq l-għixien tal-impjegati tiegħu u l-familji tagħhom, u fuq l-ekonomija tal-pajjiż;

Illi bejn ir-rimedji prospettati mill-partijiet għall-ksur dikjarat imġarrab mir-rikorrenti hemm baħar jaqsam. Filwaqt li r-rikorrenti jgħoddu fost ir-rimedji mistennija r-*restitutio in integrum* bit-treġġigħ lura tal-qagħda għaż-żmien meta bdiet il-ġrajja kollha lejn tmiem l-1973, għall-intimati għandha tkun biżżejjed dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali;

Illi punt ieħor li jmissu jissemma f'dan l-istadju hu li l-ewwel talba attriċi kienet titkellem fuq ksur tal-jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-artikolu korrispondenti tal-Konvenzjoni – l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll – ma tniżżilx. Minkejja dan, il-Qorti tifhem li llum il-ġurnata r-rimedji f'każijiet ta' lmenti ta' ksur ta' jedd fundamentali mħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni saru jieħdu qies tar-rimedji mogħtija f'każijiet fejn ikun seħħ ksur tal-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni;

Illi fir-rapport tagħhom, il-periti ġudizzjarji flew sewwa l-aspetti fattwali (finanzjarji u ekonomiċi) u l-aspetti legali tal-każ u tal-għamla ta' rimedju mistenni biex jagħmel tajjeb għall-ksur imġarrab mir-rikorrenti, ukoll jekk xi fehmiet individwali tagħhom ma kinux jaqblu sewwa ma' xulxin. Imma, fir-rapport unitarju li ressqu, ħarġu dawn il-punti għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Fl-ewwel lok, jirrilevaw li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni ma jsibux applikazzjoni għall-każ, ma jfissirx li l-għoti ta' kumpens bħala rimedju ma jmissux jingħata, għaliex din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha għandha s-setgħa li tagħmel dan bil-kriterji stabiliti minn żmien għal żmien. Fit-tieni lok, huwa biss fejn hemm "*manifest unlawfulness*" li jingħata lill-parti mġarrba kumpens sħiħ. Fit-tielet lok, il-kumpens għandu jqis id-danni materjali, għalkemm m'huwiex ekwivalenti għad-danni ċivili likwidati f'kawżi ordinarji. Fir-raba' lok, il-każ tal-lum kien jirrigwarda "*salvage of a bank*" u mhux sempliċi esproprjazzjoni, u fejn inqalgħet sitwazzjoni ta' emerġenza f'ċirkostanzi mhux normali fejn ma kien

hemm fis-seħħ l-ebda regoli *ad hoc* u stabiliti minn qabel għal sitwazzjonijiet bħal dik;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jisħqu li, f'dan il-każ, wieħed irid jagħraf bejn it-teħid tal-ishma u l-assi tal-kumpannija (NBM) u ż-żamma tal-istess. F'dan il-każ, kien hemm teħid (ukoll jekk ir-rikorrenti irrifjutaw li jċedu favur il-Gvern l-ishma li kellhom f'dak il-Bank) u r-rikorrenti jqisu li dak it-teħid ma kienx ġustifikat li jsir fl-interess pubbliku għaliex il-Gvern kellu toroq oħrajn x'jagħżel minflok it-triq li ħa. Huma qegħdin jippretendu li, bħala rimedju, jingħataw lura l-ishma u l-assi (immobbli) li kienu tal-NBM flimkien ma' kumpens xieraq (magħdud dak non-pekunjarju) fid-dawl tal-prinċipju tar-"*restitutio in integrum*". Meta jduru għar-rimedju "alternativ" tal-ħlas tal-kumpens, ir-rikorrenti jisħqu li l-kumpens pekunjarju għandu jkun dak ta' kemm jiswa l-ġid meħud fiż-żmien li ttieħed aġġustat sabiex titqies l-inflazzjoni tul iż-żmien flimkien mal-ħlas ta' mgħax fuq tali valur sad-data tal-ħlas effettiv. F'każ li t-teħid ma kienx wieħed għal għan leġittimu, il-kumpens kellu jkun wieħed *per equivalente* ta' kemm kien ikun il-kumpens li kieku jintgħażel ir-rimedju tar-"*restitutio in integrum*". Ir-rikorrenti jistennew ukoll il-ħlas lilhom ta' danni mhux pekunjarji, u jgħidu li dan huwa l-konsegwenza naturali tal-ksur imġarrab minnhom;

Illi, fuq in-naħa l-oħra, l-intimati jgħidu li l-Qorti jmissha timxi biss fuq ir-rapport tal-espert tekniku Paulanne Mamo u twarrab dak ta' Wilfred Mallia u wkoll is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Iressqu sensiela ta' osservazzjonijiet u tqabbil max-xhieda li ħarġet tul is-smigħ tal-kawża. F'dak li jirrigwarda t-talbiet għar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, l-intimati jisħqu li l-pretensjoni tar-"*restitutio in integrum*" hija waħda assurda. Jisħqu wkoll li fil-ħeġġa tagħhom li jitolbu l-kumpens, ir-rikorrenti jaħbu r-rejaltà li kien jinsab fiha n-NBM u huma stess meta kienu huma li offrew l-ishma tagħhom lill-Gvern ta' dak iż-żmien. Iżidu jgħidu li kienet it-tmexxija ħażina tan-NBM li ġabet lil dak il-Bank f'xifer il-falliment u ma ħalliet lill-Gvern l-ebda għażla ħlief li jintervjeni biex jevita straġi. L-intimati jgħidu li ma jistgħux jifhmu kif ir-rikorrenti jippretendu l-ħlas ta' kumpens ta' ħaġa bħal din. Dwar it-talba għall-ħlas ta' danni morali, l-intimati jgħidu li dan mhux effett awtomatiku ta' sejbien ta' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, imma trid tinġieb prova ta' sofferenza, tbatijau inċertezza ta' min jippretendi dik l-għamla ta' kumpens.

Illi dwar is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar il-motiv tat-teħid tal-ishma u tal-assi ta' NBM, il-Qorti jidhrilha li din hija kunsiderazzjoni li toqgħod għall-eżerċizzju li sar dwar l-ewwel talba, u għalhekk illum dik il-ħaġa tikkostitwixxi aspett ta' dritt li jinsab magħluq bil-ġudikat. L-istess ħaġa tgħodd għal dawk is-sottomissjonijiet tal-intimati li jitkellmu dwar x'kienu ċ-

ċirkostanzi li wasslu lill-Gvern biex jitlob iċ-ċessjoni tal-ishma mingħand l-azzjonisti tan-NBM;

Illi safejn ir-rikorrenti jipprospettaw ir-rimedju tar-*restitutio in integrum*, tali rimedju jrid jitqies fil-qafas ta' ċirkostanzi fattwali li ma jistgħux jitwarrbu. Fil-fehma tal-Qorti, ir-rimedju kif propost mir-rikorrenti ma jidhirx bħala wieħed li jista' jitwettaq b'ħeffa u bla ma jqanqal problemi li, minflok isolvu l-kwistjoni u jagħtu rimedju ekwu, se jġibu konsegwenzi kbar fuq livell wiesa' ħafna tal-qasam finanzjarju tal-pajjiż. Minbarra dan, il-Qorti temmen bis-sħiħ li dak li jista' jidher ħafif fuq il-karta u fit-tejorija, ma jkunx daqstant fattibbli jew li jista' jingħalaq sempliċiment bl-għoti ta' din is-sentenza. Fuq kollox, ir-rikorrenti ħallew vaga ħafna l-kelma "assi" li jippretendu li jingħatawlhom lura: meta ttieħdu l-assi, kienu tieħdu wkoll djun kbar li l-istess assi kienu jagħmlu tajjeb għalihom. M'hemmx għalfejn wieħed jgħid aktar;

Illi għalhekk, il-Qorti tagħżel li ma tippruvax tagħti rimedju li jista' jnissel kwistjonijiet kbar bejn il-partijiet u li jżommhom milli, fl-aħħar, jagħlqu darba għal dejjem dan il-każ b'xi mod. Wara kollox, il-proposti tar-rikorrenti nfushom dwar kif jista' jitwettaq dan ir-*restitutio* jagħtu lill-Qorti x'tifhem li huma jagħrfu li dan iġib miegħu diffikultajiet sostanzjali lill-istess rikorrenti u l-proposti huma msawra fuq suġġerimenti li mhumiex eżegwibbli kontra terzi. Ir-radd lura ta' assi li llum jinsabu f'idejn terza persuna li mhix parti fil-kawża wkoll hija xkiel mhux żgħir biex jingħata r-rimedju mitlub mir-rikorrenti. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tagħżel li ma twettaqx is-suġġerimenti tar-rikorrenti dwar ir-rimedju tar-*restitutio in integrum*;

Illi, min-naħa l-oħra, lanqas ma tista' toqgħod fuq il-pożizzjoni meħuda mill-intimati li sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija biżżejjed biex jagħti rimedju xieraq lir-rikorrenti. Ukoll jekk wieħed kellu joqgħod fuq l-analiżi mirquma u xjentifika tal-perit ġudizzjarju Mamo li l-ishma ta' NBM fl-1973 ma kienu jiswew xejn u li l-istess NBM ma kien jiswa xejn, il-Qorti ssib li bil-fatt li diġà hemm sentenza li tgħid li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma jittiħdulhomx ħwejjiġhom mingħajr kumpens, din il-Qorti trid issa tħaddem l-effetti legali ta' sejbien bħal dan u ma jidhrilhiex li dikjarazzjoni waħedha ta' ksur tagħmel ħaqq mar-rikorrenti;

Illi huwa miżmum li, ladarba qorti ssib li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma huwiex biżżejjed li tieqaf b'sempliċi dikjarazzjoni bħal dik. Għalkemm ir-rimedju xieraq mhuwiex lanqas u tabilfors il-kundanna ta' ħlas ta' kumpens bħal li kieku l-ħaġa li dwarha seħħ il-ksur kienet inbiegħet, xi għamla ta' kumpens huwa mistħoqq u doveruż u tali kumpens irid ikun wieħed biżżejjed biex imewwet il-

ħsara li tkun iġġarrbet bil-ksur lamentat tal-jedd fundamentali. Hawn ukoll, il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li l-ksur imġarrab mir-rikorrenti jikkonsisti f'teħid u mhux biss indħil fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom;

Illi mill-kunsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza *in parte* u kif milqugħa u aċċettati wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali, kien stabbilit li l-azzjoni li ħa l-Gvern fir-rigward tan-NBM kienet waħda li kienet meħtieġa f'dawk iċ-ċirkostanzi u kienet ta' fejda biex ir-riperkussjonijiet tar-"*run*" fuq dak il-Bank ma jħallux straġi fl-ekonomija u fix-xena bankarja ta' Malta u mhux l-anqas fl-interess tad-depożitanti u l-impjegati tal-istess Bank. Din il-kostatazzjoni hija waħda ewlenija li l-Qorti mhix se ddur lura minnha u se torbot magħha hija u tqis ir-rimedju mogħti lir-rikorrenti. Qiegħed jingħad ukoll li, lil hinn mis-siwi tal-miżuri meħuda mill-Gvern intimat biex jieħu taħt idejh it-tmexxija tan-NBM, jibqa' l-fatt li biex saru dawk il-miżuri leġislattivi u amministrattivi, ir-rikorrenti kellhom iġarrbu piż mhux proporzjonat għaliex ma ngħataw l-ebda sura ta' kumpens għat-teħid tal-ishma tagħhom fil-Bank imsemmi u għaċ-ċaħda tat-tmexxija tal-istess Bank;

Illi huwa llum stabilit li r-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunità mitlufa[23]. Biex tasal għal dan, il-Qorti jeħtiġilha tqis għadd ta' fatturi, fosthom l-għan leġittimu tal-għemil li jkun ġab il-ksur tal-jedd, ;

Illi din il-Qorti tagħraf li l-kwistjoni tal-kumpens xieraq mitlub mir-rikorrenti jrid jitqies kemm mill-aspett tat-telf materjali li l-ksur ta' jedd minnhom imġarrab seta' ġabilhom, u kif ukoll mill-fatt innifsu tal-ksur stabbilit (id-dannu mhux pekunjarju). Il-kejl li jrid jintuża biex il-Qorti tasal għal-likwidazzjoni ta' tali kumpens huwa wġigħ ta' ras għaliex, minbarra l-indoli partikolari ta' kull każ, ix-xiber li jmissu jintuża biex jitkejjel il-kumpens xieraq mhux dejjem mexa fuq linji ċari. Madankollu, fuq is-saħħa ta' kriterji li tfasslu mill-Qorti fi Strasburgu[24] fl-aħħar żminijiet u li llum huma mħaddma wkoll mill-Qrati Maltin[25], jista' jingħad li wieħed jista' jasal biex ikejjel tali kumpens b'mod aktar sistematiku, filwaqt li jibqa' jqis iċ-ċirkostanzi partikolari minn każ għal ieħor. Bis-saħħa tagħhom, ingħad illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' madwar tletin fil-mija (30%) mis-somma li kienet tkun dovuta mir-rikorrenti, minħabba l-għan leġittimu tal-għemil li ġab il-ksur, u tnaqqis ieħor ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza dwar dak li kien jiġri jew seta' jiġri b'riżultat tal-ġrajjiet li wasslu għall-intervent tal-Istat biex in-NBM ma jagħlaqx u biex b'xi mod

[23] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Cassar et vs Onor. Prim Ministru et***
[24] Q.E.D.B. **25.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Malta*** (Applik. 14013/19) §§ 103 – 5
[25] Ara, b'eżempju, Kost. **30.6.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Testa et vs L-Awtorita tad-Djar et*** §§ 33 – 4 u Kost. **26.1.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeremy Cauchi et vs Avukat Ġenerali*** §28

tagħraf taġġusta għan-nuqqas ta' qbil bejn l-esperti mqabbda *ex parte* mill-partijiet, u dawk imqabbdin mill-Qorti nnifisha;

Illi r-rikorrenti jmaqdru l-eżerċizzju li sar mill-perit legali meta, bħala kejl tal-kumpens li jista' jingħatalhom, inqeda bil-kriterji ta' ***Cauchi***. Huma jisħqu li dawk il-kriterji jitħaddmu f'każijiet li jirrigwardaw teħid jew kontroll fuq bini jew djar ta' abitazzjoni u għalhekk, ma jgħoddux għal każ bħalma hu dak tal-lum. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' ħsieb. Fl-ewwel lok, il-kriterji ta' ***Cauchi*** tfasslu biex jippruvaw jagħtu skema razzjonali u konsistenti tal-kejl tal-kumpens sewwsew fil-każijiet ta' ksur ta' jedd dwar tgawdija paċifika tal-possedimenti u kontra t-teħid bla kumpens xieraq. Dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha huwa wieħed minn dawk li sab ksur ta' dak il-jedd. Fit-tieni lok, il-kriterji msemmija fihom elementi li wieħed jista' jħaddimhom f'kull każ fejn jintalab l-għoti ta' kumpens marbut ma' ġid jew "possedimenti" u jagħtu komma wiesgħa biżżejjed biex jistgħu jitħaddmu b'fejda minn każ għal każ, sewwasew għaliex, kif jgħidu r-rikorrenti nfushom, ma jistabilux "figura assoluta daqs li kieku kienet xi *one-size-fits-all* li tapplika f'kull każ"[26]. Fit-tielet lok, billi l-każ tal-lum ma jsib l-ebda preċedent ġudizzjarju fl-istorja ta' Malta f'dak li jirrigwarda ksur ta' jeddijiet fundamentali, il-Qorti tqis li tkun ħaġa għaqlija li tħaddem dawk il-kriterji minflok l-alternattiva li tfajjar ċifri minn żniedha u taqta' bl-addoċċ. Fir-raba' lok, it-tħaddim mill-Qrati Maltin tal-kritejri f'***Cauchi*** jidher li ħolqu sura ta' konsistenza fil-ġudikati u għalhekk fl-aspettattivi ta' dawk li jġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom dwar ġidhom jew il-possedimenti tagħhom, biex ma jingħadx ukoll li l-istess Q.E.D.B. uriet il-fehma li saret tqis li t-tħaddim ta' dawn il-kriterji mill-Qrati Maltin huwa żvilupp siewi u li jagħti rimedju xieraq u prevedibbli taħt il-Konvenzjoni;

Illi dan li ngħad jgħodd għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni materjali, għaliex safejn jirrigwarda d-danni morali jew mhux-pekunjarji, dawn ma jintirtux[27]. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrenti jissottomettu li, fost ir-rimedju mistħoqq, kull wieħed u waħda minnhom imisshom jingħataw kumpens non-pekunjarju xieraq "favur kull attur daqs li kieku kien l-uniku attur fil-kawża"[28] kull wieħed. Jissottomettu wkoll li dak il-kumpens irid imur lura sal-1973 u jinħadem bir-rata ta' ħames mitt euro (€500) fis-sena kull ras;

Illi fid-dawl ta' dak li ssemma ftit ilu, jirriżulta li kemm ilha miexja din il-kawża, bosta mir-rikorrenti oriġinali ma wasslux sal-aħħar u saru bosta leġittimazzjonijiet tal-atti biex daħlu l-werrieta tagħhom minflokhom. Minbarra dan, hemm uħud mir-rikorrenti li ma humiex persuni fiżiċi, imma korpi legali.

[26] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1961 tal-proċess
[27] Kost. **26.10.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Peter Borġ Costanzi noe vs Maria Carmela sive Marlene Bonniċi et*** § 15 u Kost. **25.10.2023** fil-kawża fl-ismijiet***Richard Żahra vs L-Avukat tal-Istat et***§ 19
[28] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1963 tal-proċess

Minħabba li huwa meqjus li l-kumpens mhux materjali huwa kumpens personali, allura s-sottomissjoni tar-rikorrenti ma hix mistħoqqa. Min-naħa l-oħra, jekk il-Qorti kellha takkorda biss kumpens morali fejn u lil min jista' jingħata, ikun qed jiġri li l-Qorti tagħmel eżerċizzju li se jifred rikorrent minn ieħor biss fuq is-saħħa ta' jekk kien jew kinitx parti oriġinali. Imbagħad hemm iċ-ċirkostanza li, għalkemm il-ġrajja leżiva ġrat fl-1973 u kkunsmat f'dawk il-ftit xhur wara li ttieħdu l-miżuri li ssemmew qabel, tqum il-kwistjoni dwar kemm imissu jmur lura l-kumpens mitlub. Dan qiegħed jingħad għaliex il-kawża nfetħet tmintax-il (18) sena wara l-ġrajja. Huwa minnu li azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali ma hijiex marbuta bil-preskrizzjoni, imma meta l-parti mġarrba tieħu ż-żmien tagħha biex tniedi proċedura bħal din, dan ikun ifisser li dik il-persuna kienet b'xi mod qiegħda tittollera l-ksur li ġarrbet, u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dan jinċidi fuq il-kejl ta' kumpens morali li jkun jistħoqqilha tieħu l-parti li tilmenta mill-ksur tal-jedd fundamentali tagħha;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-argumenti tal-intimati dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrenti għall-ħlas ta' kumpens morali[29] huma mistħoqqa u sejra tillimita r-rimedju għal-likwidazzjoni ta' kumpens materjali biss;

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens mistħoqq lir-rikorrenti, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha li ssemmew qabel, qiegħda timxi maċ-ċifra mressqa mill-perit tekniku Mallia bla ma twettaq l-aġġustament ta' kemm kien jiswa kull sehem fil-Bank of Valletta f'dak iż-żmien li tressaq ir-rapport. Bl-għadd ta' ishma li fuqhom inħadmet l-istima u mingħajr tali aġġustament, il-Qorti tasal għas-somma ta' mija u tmienja u disgħin miljun, ħames mija u tmint elef u seba' mija u ħamsin euro sitta u erbgħin miljun euro (€198,508,750)[30]. Din is-somma hija il-likwidazzjoni tas-somma globali li hija dovuta lir-rikorrenti kollha fiż-żewġ kawżi għaliex il-kejl li ntuża jqishom ilkoll. F'din il-kawża, kien hemm tlieta u tletin (33) rikorrent oriġinali, u l-Qorti se tqis is-somma riżultanti bħala dovuta lil kull "ċipp" li kien kostitwit mir-rikorrent oriġinali rispettiv kif jirriżulta mill-"okkju" tal-kawża;

Illi bit-tħaddim tal-kriterji li ssemmew qabel, is-somma sħiħa ta' kumpens materjali dovuta lir-rikorrenti fiż-żewġ kawżi titla' għal mija u ħdax-il miljun, mija u erbgħa u sittin elf u disa' mitt euro (€111,164,900[31]) li jitħallsu lir-rikorrenti kollha fiż-żewġ kawżi. Għalhekk, billi f'din il-kawża kien hemm tlieta u tletin (33) rikorrent oriġinali, is-somma ta' kumpens pekunjarju dovut lir-rikorrenti jitla' għas-somma ta' erbgħa u erbgħin miljun, seba' mija u sebgħa u tletin elf u mitt euro (€44,737,100)[32];

---

[29] Nota ta' Sottomissjonijiet 1192 – 3 tal-proċess
[30] Kalkolati fuq is-somma ta' €1.36 kull sehem li l-intimat għandu fil-Bank of Valletta kif iċċitat mill-Borża ta' Malta fil-11 ta' Marzu, 2024 (145,962,317 x €1.36 = €198,508,751)
[31] €198,508,751 x 0.7 x 0.8 = €111,164,900.
[32] €111,164,900/82 x 33 = €44,737,100

Illi għal dak li jirrigwarda t-talba għall-imgħaxijiet, il-Qorti se tordna li l-imgħax legali bit-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma likwidata jibda miexi millum;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma tirriżultax mistħoqqa fid-dritt;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna li r-rikorrenti jmisshom jitħallsu s-somma ta' erbgħa u erbgħin miljun, seba' mija u sebgħa u tletin elf u mitt euro (€44,737,100) bħala kumpens materjali għall-ksur tal-jedd fundamentali mġarrab minnhom, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv, u liema somma tinqasam bejn ir-rikorrenti jew l-aventi kawża tagħhom bil-mod kif imfisser f'din is-sentenza;

**Tordna** lill-intimati Onorevoli Prim'Ministru u Ministru tal-Finanzi jħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata; u

**Tordna** li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kwantu għal sehem minn tlieta ($^1/_3$) mir-rikorrenti solidalment bejniethom u żewġt ishma minn tlieta ($^2/_3$) mill-imsemmija intimati Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi solidalment ukoll.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**